MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2005

Numru. 726/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud u Spettur Ramon Mercieca)**

**versus**

**Christopher Ellul**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra Christopher Ellul iben Emmanuel u Mary nee Naudi imwieled Sliema fis-16 ta' Ġunju, 1968 u residenti fil-fond numru 240 Triq Sant Ursola Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita' 280668 (M)

Akkużat talli nhar it-2 ta’ Settmebru, 2004 għall-ħabta tat-tmienja ta’ filgħodu fil-Blet Valletta

(a) ikkometta reat vjolent għall-pudur fuq [1] mill-Hamrun u dan bi ksur ta’ l-artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(b) u aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanza offenda l-pudur jew il-morali b’għemil li sar f’lok pubbliku u/jew f’lok espost għall-pubbliku u dan bi ksur ta’ la-rtikolu 209 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(ċ) U aktat talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanza bla ordni skond il-Liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-istess [2] kontra l-volonta’ tagħha u dan bħala mezz biex tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha u li b’liema żamma jew sekwestru ġiet offiża fuq il-persuna tagħha jew imhedda bil-mewt u dan bi ksur ta’ l-artikoli 86. 87(1)(g) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(d) U aktar talli sar reċidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali billi kkommetta reat wara sentenzi li saru definitivi datati 7 ta’ Mejju 2001 (Qorti ta’ l-Appell ta’ Malta), 3 t’Ottubru, 2000 (Maġistrat Dr C Peralta LL.D (Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta; u 4 t’April, 2003 tal-Maġistrat Dr. M Hayman Ll.D (Qorti tal-Maġistrati)(Malta).

Rat l-atti kollha tal-proċess fosthom il-fedina penali ta’ l-imputat, l-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali tat-3 ta’ Settembru, 2004, l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha magħmula fit-3 ta’ Settembru, 2004 u l-kunsens tiegħu sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-istqarrija ta’ l-imputat li għamel lill-Pulzija fit-2 ta’ Settembru, 2004 semgħet lix-xhieda bil-ġurament partikolarment lil Dr Joseph Vella Baldacchino, lill-Psikjatra Joseph Spiteri (li ma setax jirrelata minħabba li l-imputat kien taħt il-kura tiegħu qabel fil-faċilita’ korrettiva

[1] Divjet ta’ l-isem tal-vittma mill-mezzi tax-Xandir kollha
[2] Divjet ta’ l-isem tal-vittma mill-mezzi tax-Xandir kollha

ta' Kordin) u lill-Probation Officer Ivan Sultana li kkonferma u ħalef il-Pre-Sentencing Inquiry Report.

Mingħajr ma din il-Qorti tikxef il-ħajja privata ta' l-imputat b'mod li ma jkunx prudenti l-Qorti qed taċċenna għal dawn il-punti:

a) Mix-xhieda ta' Dr.Joseph Vella Baldacchino : L-imputat għandu problemi ripetuti kważi b'mod kompulsiv, jiġifieri dejjem jsipiċċa jirrepeti l-istess tip ta' aġir u talb lil dan il-psikjatra li jieħu l-kura. Bħal issa l-istat mentali tiegħu huwa tajjeb iżda meta jkun jew irrabjat jew frustrat donnu jiġi skatenat mekkaniżmu li jrid jagħmel xi forma ta' avvanz, ta' attack fuq persuni femminili kontra r-riedu tiegħu. L-imputat kien infurmah ukoll li kien għamel kuntatt mal-YMCA.

b) Mill-eżami eżawrjenti tal-Probation Officer Ivan Sultana: 'Fil-passat l-imputat kien inkarċerat fuq każ simili bħal dan li fuqu qed jinkiteb dan ir-rapport. Għalkemm dan serva bħala kastig għar-reat li kkommetta, it-trattament li seta' ngħata f'dan il-perjodu xorta ma kienx adegwat sabiex l-imputat joħroġ mill-problema li jinsab fiha – tant li f'perjodu ferm qasir li kien illiberat reġa' fetaħ każ ieħor. Wieħed ma jridx jinsa illi kull darba li l-imputat qiegħed jikkommetti dan ir-reat qiegħed ikun hemm ta' l-anqas vittma waħda li tista' tbati minn konsegwenzi fuq aspett psikoloġiku li jistgħu jkunu anke permanenti.[3] Minħabba n-nuqqas ta' servizz f'dan il-qsam ġewwa pajjiżna, l-imputat qatt ma rċieva t-trattament neċessarju. B'konsegwenza ta' dan l-imputat jikkommetti dawn ir-reati u wara l-proċeduri tal-Qorti Kriminali piena ta' priġunerija qed tkun affettwata……..Ir-reati li jikkommetti l-imputat flimkien mas-sentenzi ta' priġunerija huma parti minn ċirku li l-imputat jinsab fih minħabba li qatt ma ngħata l-għajnuna neċessarja. L-istess Probation Officer rrakkommanda li tingħatat piena ta' priġunerija u li ssir rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jingħata trattament sepċifiku fejn għandu jsir

[3] Ara r-rapport tal-Probation Officer paġina 46 tal-proċess u paġina 5 tar-rapport tal-Probation Officer

assessment inizjali sabiex jiġu indirizzati l-bżonnijiet terapewtiċi ta' l-imputat.

Ċ) Mid-depożizzjoni ta' Dr.Charles Cassar Psikoterapista u jaħdem mal YMCA: Jonqos is-self-esteem ta' l-imputat meta ma jaħdimx. Allura biex juri li huwa powerful irid jaggressa lis-soċjeta'. Għandu bżonn ta' terapija intensa. Il-ħabs jitfgħu aktar 'l isfel. Il-YMCA għandu xelter fejn huwa jkun jista' jirritorna wara x-xogħol.

Mil-lat tekniku, ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn ġew ippruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 49, 50, 86, 87(1)(g), 207, 209 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha.

Dwar il-piena, mil-lat pożittiv hemm l-ammissjoni bikrija li għamel l-imputat u l-iskuża tiegħu għal dak li għamel fl-istqarrija lill-Pulzija stess;

Mil-lat umanitarju hemm ċerti problemi li jridu attenzjoni li hija xi ftit barra mis-soltu għalkemm il-Qorti kienet infurmata seduta stante li l-każ ta' l-imputat mhux iżolat;

Mil-lat negattiv hemm mhux biss ir-reċidiva, iżda reati simili għal dak li kien kommess fil-jum imsemmi.

Fil-piena l-Qorti qed iżżomm f'moħħha dak kollu li semgħet fuq il-kundizżzjoni ta' l-imputat kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet fir-rapport li tħejja mill-Probation Officer. Għal dan ir-rapport il-Qorti qed tesprimi l-apprezzament tagħha għaliex jidher li r- rapport kien imħejji bil-għaqal u bil-kuxjenza u fejn il-Probation Officer wiżen tajjeb l-interessi tas-soċjeta' u l-problemi li għandu l-imputat.

Wara li l-Qorti qieset il-pieni kontemplati fl-artikoli msemmija kif ukoll **l-ammissjoni bikrija** tiegħu qed tikkundanna lill-imputat għall-piena karċerarja ta' sentejn (2) u qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva

ta’ Kordin li jikkonsulta lill-Probation Officer Ivan Sultana u lil kull min fil-fehma tiegħu jista’ jagħtih dawl dwar l-aħjar kura li jista’ jingħata l-imputat. Jekk l-imputat jagħti l-kunsens tiegħu, ikun tajjeb li jikkonsulta lil Dr Charles Cassar psikoterapista.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------